**Doċċa kiesħa**

Rajtek għaddej u għaddejja
Ma nafx fejn mort kif rajtni ndur,
Għidli ftit jekk din imġiebtek
Hijiex fejda jew ta' dulur?

Ma nafx xi trid tgħidli biha
X'int taħseb li bħalek m'hawn ħadd?
Mintix tinduna stupidu
Stupida, qalbek tagħlaq qatt?

Għax anki fuqek għad jaqa
il-minġel tal-mewt li ma tafx,
kif ħa tieħdok magħha tiġri
kburitek magħha ma twassalx.

Int issa ħallik mill-pika
Sikket l-istonku ta' moħħok,
Ftakar ftit x'irċevejt ċkejken
Għix dak li għallmitek ommok.

Ħajjitna hawn bħal ħaxixa
Tinxef, tgħaddi bħal żiffa riħ,
Qed tikber, tibqax titkaxkar
Kun sod, tgħallem, tibqax tiblieh.

Waslet is-siegħa li titlaq
Minn dal-post tal-vizzju tad-dnub,
Ħallik mir-rabja w mill-kilba
Ikkonverti qabel iddub.

Tinsix fil-wirt li se tħalli
Hu mġiebtek, attitudnijiet,
Għal darba inża kburitek
Minflokha ilbes 'l-virtujiet.

Imħabba, sabar, paċenzja
Fehma, prudenza, maħfra w smiegħ,
Għaqal, ħlewwa, kuraġġ, għożża
Ħniena, faraġ mat-talb x'ġid fih!

Imbagħad kelma li issaħħek
Meta tgħix b'qalbek l-umiltà,
Għax din tagħmlek bniedem ħieles
Iżżejnek b'disponnibiltà.

Alla tak qalbek sabiex tħobb
Għalhekk tak waħda u sħiħa,

Tibqax paljazza tal-ħażen
Ħobb w għożż tibqax doċċa kiesħa.

Patri Mario Attard OFM Cap
1 ta' Ġunju 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.